MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 151/2021 LM

**Linwei Liu (K.I. 221009A)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-Aġenzija appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Linwei Liu (K.I. 221009A)**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, (minn issa 'l quddiem 'il-Bord'), tat-3 ta' Diċembru, 2021 (minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata') li permezz tagħha l-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrenti abbażi tal-fatt li hija ma ressqet l-ebda sottomissjonijiet quddiem

il-Bord, u kkonferma d-deċiżjoni tal-intimata **Aġenzija Identity Malta** tal-15 ta' Lulju, 2020.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti kienet diġà intavolat appell quddiem din il-Qorti wara li hija ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni mogħtija fit-8 ta' Jannar, 2021. Din il-Qorti kif preseduta kienet laqgħet l-aggravji tagħha, u ordnat li l-atti tal-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, sabiex dan il-Bord ikun jista' jikkonsidra s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti qabel jieħu deċiżjoni dwar l-i*status* tagħha. Ir-rikorrenti kienet waslet Malta fl-10 ta' Settembru, 2019, u setgħet tgħix u taħdem f'Malta legalment bis-saħħa tas-*Single Permit* li nħarġilha fis-17 ta' Ottubru, 2019. Ir-rikorrenti kienet taħdem bħala *massage therapist* fuq bażi *full-time,* ġewwa stabbiliment bl-isem 'Sun Shine Chinese Massage', iżda fi Frar tal-2020 l-impjieg tagħha ġie tterminat. Ir-rikorrenti fittxet impjieg alternattiv permezz ta' aġenzija tar-reklutaġġ, *Home Care Services Malta,* sabiex issib impjieg ieħor, u f'Marzu tal-2020, hija sabet opportunità ta' impjieg ġewwa l-Waterfront Hotel. Ir-rikorrenti spjegat li hija ma setgħetx tmur l-uffiċċji tal-Aġenzija Identity Malta minħabba fir-restrizzjonijiet li ġew introdotti waqt il-pandemija, u għalhekk ma setgħetx timla ċ-*Change in Employer Form,* bil-konsegwenza li għalhekk hija ma setgħetx tibda taħdem il-Waterfront Hotel. Ir-rikorrenti qalet li konsegwenza ta' dan, il-Permess ta' Residenza tagħha ġie revokat, u dan ladarba l-impjieg tagħha ġie tterminat, minkejja li hija ppruvat tirregolarizza l-affarijiet tagħha diversi drabi. Ir-rikorrenti

qalet ukoll li hija ressqet appell minn din id-deċiżjoni ta' Identity Malta li tirrevokalha l-Permess ta' Residenza, iżda l-avukat difensur tagħha li kellha dakinhar naqas milli jispeċifika l-aggravji tagħha fl-appell ippreżentat quddiem il-Bord. Ir-rikorrenti żiedet tgħid li kemm ilha tgħix hawn Malta, hija daħlet f'relazzjoni ma' ċittadin Malti, li qiegħed jieħu ħsieb imantniha, u huma għandhom il-ħsieb li jidħlu f'unjoni ċivili.

## Mertu

3. Wara d-deċiżjoni u d-direzzjoni li tat din il-Qorti bis-sentenza tagħha tad-19 ta' Mejju, 2021, id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati permezz ta' nota ppreżentata minnu fit-23 ta' Settembru, 2021, spjega li r-rikorrenti kienet applikat għal *single permit* sabiex taħdem bħala *masseuse* ġewwa stabbiliment partikolari, u dan is-*single permit* inħareġ fis-17 ta' Ottubru, 2019. Żied jgħid li fis-16 ta' Marzu, 2020, l-aġenzija JobsPlus infurmat lill-Aġenzija Identity Malta li r-rikorrenti kienet irriżenjat mill-impjieg li kellha u li kienet ġiet ippreżentata l-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg fid-29 ta' Frar, 2020. L-Aġenzija Identity Malta infurmat lill-Bord li ladarba l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom kien inħareġ is-*single permit* tar-rikorrenti ma kinux għadhom fis-seħħ, il-permess ta' residenza tar-rikorrenti ġie revokat *ai termini* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Diċembru, 2021, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"The Board:-*

*Saw the decision issued by the Director dated 15th July, 2020 which stated that the Single Permit granted to the appellant had been revoked as her employment had been terminated;*

*Saw that the relative appeal was filed on 23rd July, 2020;*

*Saw the decision of 8th January, 2021;*

*Saw the judgment of the Court of Appeal handed down on 19th May, 2021;*

*Saw the decree of this Board issued on 13th September, 2021;*

*Saw the note filed by the Agency on 23rd September, 2021; and examined all the submissions filed.*

***Submissions filed, evidence produced and considerations***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board saw that through legal counsel, the appellant filed a brief appeal which stated the following:*

"By means of this present the sender is hereby lodging an appeal against the decision given in the letter dated 15th July, 2020 and notified to the sender on the 20th July, 2020.

In the said letter the reason given is that the Residence Permit of the Ms LIU is being revoked with immediate effect in view of the fact that the sender had her employment terminated.

This appeal is being lodged in terms of article 20(2) of Subsidiary Legislation 217.17."

*The Board observes that that appeal does not rebut Identity Malta's decision in any way. The appeal does not explain why Identity Malta's decision is mistaken nor argues why the appellant's permit should not have been revoked.*

*The Board is indeed puzzled as the appeal filed simply states that the appellant wants to appeal but then does not list the grounds of appeal or explain why Identity Malta's decision should be revoked.*

*The Board noted that following the judgment of the Court of Appeal, it granted both parties two weeks within which to file their submissions, including evidence, within two weeks from receipt of the decree.*

*Following the decree, the Agency filed a note in which it stated that on 16th March, 2020, through an automatically generated e-mail, JobsPlus informed the Agency that the appellant had resigned her position at Sun Shine Chinese Massage.*

*On the other hand, the Board received no submissions from the appellant. Certainly, there is nothing to indicate that in the interim, the appellant had secured alternative employment or an offer of employment.*

*In view of this, the Board has no reason to overturn the Agency's decision.*

***<u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board rejects the appeal.*

*The Board directs that this shall be without prejudice to any pending application which the appellant may have. In such a case, the Agency's is to process and to decide the appellant's application according to law and without reference to this particular case.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

5. Ir-rikorrenti ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fl-10 ta' Diċembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tat-3 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet premessi, u tilqa' t-talba tagħha sabiex tkun tista' tibqa' tirrisjedi ġewwa Malta. L-appellanta spjegat li hija ħassitha

aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex fil-fehma tagħha, il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni għal darba oħra naqas milli jirrispetta d-dritt tal-appellanta għal smigħ xieraq, partikolarment billi naqas milli japplika l-prinċipju tal-*audi alteram partem.* L-appellanta għamlet riferiment għall-artikolu 3 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, u qalet li minkejja li l-Bord qal li l-prinċipju tal-*audi alteram partem* mhux neċessarjament ifisser li l-partijiet jidhru quddiemu sabiex jinstemgħu *viva voce*, f'dan il-każ la hi u lanqas l-avukat difensur tagħha ma rċevew xi komunikazzjoni jew korrispondenza sabiex jidhru quddiem il-Bord u jippreżentaw il-provi tagħhom, jew jagħmlu sottomissjonijiet fir-rigward tal-appell tagħha. L-appellanta qalet li minkejja s-sentenza ta' din il-Qorti tad- 19 ta' Mejju, 2021, li permezz tagħha l-Bord ingħata direzzjoni ċara sabiex jisma' dak li għandha xi tgħid l-appellanta, l-unika komunikazzjoni li rċeviet l-appellanta mingħand il-Bord kienet ittra li infurmatha li hija għandha tiġbor kopja tad-deċiżjoni tal-Bord li issa qiegħda tappella minnha. L-appellanta ċċitat b'mod estensiv mis-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta, fejn il-Qorti talbet lill-Bord ikun aktar sensittiv partikolarment wara dak li għaddiet minnu l-popolazzjoni dinjija kawża tal-pandemija, u talbet lill-Bord iħares il-jeddijiet fundamentali tal-appellanta għal smigħ xieraq billi jħalliha tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha. L-appellanta qalet li minkejja l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti, il-Bord għal darb'oħra ddeċieda l-appell tagħha mingħajr ma taha l-opportunità li tiddefendi l-każ tagħha, bla ma qies il-jedd tal-appellanta għal smigħ xieraq u b'disrispett totali għas-sentenza li tat din il-Qorti.

6. L-appellanta żiedet tgħid li l-Bord ma kienx veritier meta qal li wara s-sentenza ta' din il-Qorti, ta digriet fejn akkorda lill-partijiet ġimgħatejn żmien

sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom. L-appellanta qalet li la hi u lanqas l-avukat difensur tagħha ma ġew innotifikati b'xi komunikazzjoni jew korrispondenza sabiex jersqu quddiem il-Bord bil-provi jew b'xi sottomissjonijiet tagħhom. Qalet li għalhekk, għal darb'oħra, id-deċiżjoni tal-Bord ingħatat mingħajr smigħ xieraq u mingħajr ma ġie rispettat il-prinċipju tal-*audi alteram partem.*

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. L-appellata qalet li bħala stat ta' fatt, jirriżulta li wara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Mejju, 2021, li permezz tagħha laqgħet l-aggravju tal-appellanta, u bagħtet l-atti lura quddiem il-Bord għall-konsiderazzjoni mill-ġdid tiegħu, is-Segretarja tal-Bord bagħtet *email* lill-Aġenzija Identity Malta b'kopja ta' digriet tal-Bord li permezz tiegħu l-Bord wara li ra s-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Mejju, 2021, ta direzzjoni lill-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet u jippreżentaw il-provi tagħhom fi żmien Ġimgħatejn minn meta jirċievu l-imsemmi digriet. L-Aġenzija Identity Malta qalet li min-naħa tagħha hija mxiet ma' dan id-digriet, u għalhekk għamlet is-sottomissjonijiet tagħha, filwaqt li mill-istess *email* jirriżulta li sar tentattiv mis-Segretarja tal-Bord sabiex tinnotifika dan l-istess digriet lill-avukat difensur tal-appellanta. L-appellat qal li permezz tad-deċiżjoni tat-3 ta' Diċembru, 2021, il-Bord, wara li kkonsidra li l-appellanta ma ressqet l-ebda sottomissjonijiet, iddeċieda billi ċaħad l-appell tagħha, mingħajr preġudizzju għal kull applikazzjoni pendenti li jista' jkollha l-appellanta. L-Aġenzija appellata kompliet tgħid li min-naħa tagħha hija mxiet mas-sentenza tal-Qorti tad-19 ta' Mejju, 2021, kif ukoll mad-digriet li ngħata

sussegwentement mill-Bord fit-13 ta' Settembru, 2021. Qalet ukoll li f'każ li kien hemm xi omissjoni jew żball da parti tal-Bord, dan ma jista' bl-ebda mod ikun attribwit lilha bħala Aġenzija. Finalment, l-appellata qalet li f'każ li jirriżulta li la l-appellanta u lanqas l-avukat difensur tagħha ma kienu notifikati bid-digriet tal-Bord, hija tirrimetti ruħha għal kwalunkwe deċiżjoni li tista' tagħti l-Qorti fir-rigward.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, fid-dawl tad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord, u wara li din l-istess Qorti ddeċidiet dwar appell separat li ressqet l-appellanta meta din ħassitha aggravata li ma ngħatatx ċans tagħmel sottomissjonijiet u tippreżenta l-każ tagħha quddiem il-Bord. Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Mejju, 2001, din il-Qorti tat direzzjoni lill-Bord jikkonsidra s-sottomissjonijiet li kellha x'tagħmel l-appellanta, wara li l-Permess ta' Residenza tagħha ġie revokat konsegwenza tat-telf tal-impjieg tagħha hekk kif bdiet il-pandemija. Minkejja li l-appellanta dak iż-żmien kienet sabet impjieg alternattiv, meta ġiet biex tirreġistra l-bidla fl-impjieg tagħha fl-uffiċċji ta' Identity Malta, din sabet li dawn kienu magħluqa minħabba r-restrizzjonijiet li ddaħħlu fis-seħħ minħabba l-pandemija, u għalhekk ma setgħetx tirregolarizza ruħha ma' Identity Malta. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-appellanta inkarigat avukat sabiex jirrappreżenta l-interessi tagħha quddiemi il-Bord, dan naqas milli jippreżenta l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tal-appellanta, u għalhekk il-Bord fid-deċiżjoni tiegħu kkonkluda li l-appellanta baqgħet ma tatx ir-raġunijiet għalfejn l-appell tagħha kellu jintlaqa', u għalhekk

ċaħad l-appell tagħha. Din il-Qorti rrevokat dik id-deċiżjoni tal-Bord u ordnat lill-Bord jisma' s-sottomissjonijiet li kellha x'tagħmel l-appellanta qabel jiddeċiedi fil-konfront tagħha. Minkejja d-direzzjoni ċara mogħtija minn din il-Qorti, jirriżulta li għal darb'oħra l-Bord reġa' ddeċieda li għandu jikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta mingħajr ma jikkonsidra s-sottomissjonijiet tal-appellanta. Minn dak li rriżulta waqt dawn il-proċeduri, fit-13 ta' Settembru, 2021 il-Bord ta digriet li permezz tiegħu kkonċeda ġimagħtejn żmien lill-partijiet sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom quddiemu. Dan id-digriet iżda baqa' ma ġiex notifikat kif suppost lill-appellanta, u l-unika korrispondenza li hija tgħid li rċeviet mingħand il-Bord, kienet l-ittra li permezz tagħha hija ntalbet tiġbor kopja tad-deċiżjoni li ħa l-Bord fil-konfront tagħha.

9. Din il-Qorti kemm -il darba rriteniet, inkluż fl-ewwel appell li ressqet l-appellanta u li ġie deċiż fis-17 ta' Mejju, 2001, li l-Bord għandu jkun aktar sensittiv għas-sitwazzjonijiet tan-nies li jersqu quddiemu. Fil-każ odjern, il-Bord kellu direzzjoni ċara, jiġifieri dik li qabel jagħti d-deċiżjoni tiegħu, kellu jikkonsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet. Għal din il-Qorti mhux aċċettabbli, li minkejja d-deċiżjoni mogħtija minnha ftit anqas minn sena ilu, l-appellanta għadha f'limbu legali dwar jekk hija tistax tibqa' tirrisjedi ġewwa Malta jew le. L-inqas ħaġa li kellu jagħmel il-Bord qabel jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu, kienet li jassigura li d-digriet tiegħu tat-13 ta' Settembru, 2021, wasal għand l-appellanta u għand l-avukat difensur tagħha. Il-Bord ma jistax iġib l-iskuża li sar tentattiv ta' notifika lill-avukat difensur tal-appellanta. Bl-istess mod kif l-atti ta' din il-qorti ta' reviżjoni ma jiġux notifikati lill-avukati difensuri tal-partijiet, iżda lill-partijiet fil-kawża, il-Bord kellu jassigura li tkun il-parti aggravata li resqet

quddiemu li għandha tiġi notifikata bl-atti u bid-digrieti li joħorġu mingħandu. Għall-Qorti dak li għamel il-Bord kien biss tentattiv bla eżitu biex jaderixxi mal-ordni ċara li tat din il-Qorti, mingħajr ma fil-fatt sar xejn sabiex l-appellanta tingħata s-smigħ li talbet li tingħata.

10. Il-Qorti tifhem li l-Bord għandu mijiet ta' appelli li jrid jiddeċiedi dwarhom u tapprezza wkoll li x-xogħol tal-Bord m'huwa faċli. Għal din il-Qorti iżda, wara kull appell quddiem il-Bord hemm persuna, u kull persuna li tersaq quddiem il-Bord tagħmel dan minħabba li f'ħajjitha kien hemm ċirkostanzi, ħafna drabi xejn feliċi, li wassluha tfittex futur aħjar 'il bogħod sew minn pajjiżha u mill-familja tagħha. Ma jistax ikun li persuna bħall-appellanta tqatta' sentejn minn ħajjitha f'din l-inċertezza legali, sempliċement għaliex min kellu jiddeċiedi dwar jekk hija għandhiex jedd tibqa' tirrisjedi f'Malta jew le, ma tahiex iċ-ċans li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha qabel ta d-deċiżjoni tiegħu. F'dan l-istadju l-Qorti sejra tqis l-avvenimenti li wasslu għal dan l-appell bħala sensiela ta' nuqqasijiet amministrattivi, u għaldaqstant qiegħda tordna lill-Bord jieħu dawk id-deċiżjonijiet neċessarji sabiex l-appellanta tingħata smigħ xieraq u titħalla tagħmel is-sottomissjonijiet li tixtieq tagħmel. Il-Qorti tagħmilha ċara għal darb'oħra li qabel jagħti d-deċiżjonijiet finali tiegħu, il-Bord għandu jassigura li l-partijiet involuti fi proċeduri quddiemu ġew notifikati b'kull ordni u b'kull digriet mogħtija minnu, u dan sabiex jiġu evitati appelli ta' din ix-xorta.

11. Finalment il-Qorti tirrileva li hija m'għandhiex il-poter tarroga għaliha nnifisha funzjonijiet amministrattivi, u għaldaqstant ma tistax tilqa' t-talba tal-appellanta li toħroġ il-Permess ta' Residenza kif ġie mitlub mill-appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tilqa' l-aggravji tagħha, u filwaqt li tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellanta wara li jkun ingħata qies xieraq tal-konsiderazzjonijiet li saru mill-Qorti f'din is-sentenza.**

**In vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**